# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-8 ta' Novembru 2023**

**Cit Nru.: 310/2018 JPG**
**Kawza Nru.: 20**

**SZ**
**Vs**
**LE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' SZ datat 3 ta' Dicembru 2018, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *ILLI l-esponent kien f'relazzjoni ma' l-intimata, liema relazzjoni, illum-il gurnata intemmet;*

2. *Illi minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri CZ, nhar X, u ghalhekk, illum-il gurnata ghandu sitt snin u tlett xhur dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok SZ01;*

3. *Illi bejn il-partijiet diga' jezisti kuntratt li jirregola l-kura u kustodja, access u manteniment tal-minuri CZ, liema kuntratt kien iffirmat fis-6 ta' Dicembru 2013 (Dok SZ02). Pero' minn dak iz-zmien sallum, inbiddlu diversi cirkostanzi u ghalhekk, l-esponent kien inizzja proceduri ta' medjazzjoni biex isiru diversi emendi fil-kuntratt bi ftehim mal-parti l-ohra. Sfortunatament dan il-ftehim ma' sarx u ghalhekk l-esponent kellu jinizzja tali proceduri.*

4. *Illi l-imsemmija medjazzjoni bin-numru 994/17 fl-ismijiet premessi kienet maghluqa permezz ta' digriet data 11 t'Ottubru 2018.*

5. *Illi l-attur jixtieq li l-kuntratt de quo jkun emendat b'tali mod li jirriflettu c-cirkostanzi tas-sitwazjoni kif inhi llum, liema cirkostanzi ser ikunu ppruvati waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

6. *Illi saru diversi tentattivi waqt il-medjazzjoni sabiex jintlahaq ftehim, u sahansitra kien ser ikun hemm abbozz ta' kuntratt. Dan wara li l-esponent kien ceda wahda mit-talbiet principali tieghu biex jintlahaq ftehim. Minkejja dan, l-intimata ppruvat issib intoppi sabiex ma jintlahaqx ftehim u huwa ghalhekk li l-partijiet qieghdin f'din il-kawza, u dan kif ser ikun ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

7. *Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant tghid l-intimata ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-*

1. *Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri CZ ghandha tibqa' fdata f'idejn iz-zewg partijiet konguntivament;*

2. *Tordna li l-manteniment adegwat ghall-minuri ghandu jkun dak ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar;*

3. *Takkorda access adegwat mill-attur ghal ibnu minuri CZ, b'dan illi l-access diga' msemmi fil-kuntratt su referit ghandu jkun emendat u jizdiedu hinijiet ta' meta ghandu jkun ezercitat l-access;*

4. *Tordna lill-intimata tikkonsulta mar-rikorrent dwar id-decizjonijiet relatati mal-minuri CZ, li jirrigwardjaw sahha u edukazzjoni ta' l-istess;*

5. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li din il-Qorti jidhrilha huma fl-ahjar interess tal-minuri CZ;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-esponent kontra l-intimata li hija ingunta minn issa in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 28 ta' Dicembru 2018, a fol 27 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok u preliminarjament l-attur ma jistax jipprocedi bl-istanti peress li jinsab moruz f'obbligazzjoni minnu assunta quddiem il-Qorti tal-Magistrati li jirrizarcixxi lill-esponenti d-danni li huwa kien ikkagunilha fil-vettura taghha liema obbligazzjoni saret fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs SZ (Per Mag. C Scerri Herrera) datata 17 ta' Ottubru 2017 u dana in linea mal-principju illi min hu stess jinsab moruz quddiem il-Qorti ma jista jinvoka u jitlob l-intervent u jadixxi talbiet lill-Qorti;*

2. *Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju l-aspetti kollha rigwardanti l-minuri CZ jinsabu diga regolati permezz ta' kuntratt pubbliku datat 6 ta' Dicembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dr Dorianne Arapa u t-talbiet tal-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi assolutament ma hemm ebda lok ta' tibdil fil-kuntratt sudett stante li ma jezistux l-estremi li trid il-Ligi ghal dan il-ghan;*

3. *Illi dak stipulat fil-kuntratt huwa Ligi bejn il-partijiet u ghalhekk pacta sunt servanda;*

4. *Illi l-esponenti tirrileva illi ma kien hemm ebda tibdil fic-cirkostanzi tal-attur li b'xi mod jintitolah jitlob dak li qed jitlob u dato ma non concesso hemm xi forma ta' tibdil, ic-cirkostanzi li jinsab fihom l-attur illum huma self-inflicted u bl-ebda mod ma jistghu jintuzaw biex jippregudikaw jew ixekklu dak mifthiem bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' bejniethom. U ghalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jitqiesu bhala li huma vessatorji u intizi biss biex idejjqu lill-esponenti;*

5. *Illi kwantu ghat-talba dwar il-kura u kustodja tal-minuri din hija assolutament bla ebda bazi legali peress illi skond il-kuntratt sudett mhux talli l-kura u kustodja*

*diga hija wahda konguntiva talli addirittura is-setgha tal-gerituri rigward l-istess minuri hija ukoll kuntrattwalment stabbilita bhala wahda konguntiva;*

6. *Illi kwantu ghat-talba biex jonqos il-manteniment din hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt mhux biss peress li l-ammont pattwit huwa ragjonevoli fic-cirkostanzi u in linea mal-Ligi talli assolutament ma jezistux l-estremi li trid il-Ligi biex tintlaqgha t-talba simili;*

7. *Illi kwantu ghat-talba tal-access favur l-intimata jigi rilevat illi l-esponenti qatt ma cahhdet lill-intimat mill-access. In fatti fl-abbozz li kien qed jigi redatt il-missier inghata hinijiet aktar skond ix-xewqa tieghu stess. Madanakollu l-access stabbilit huwa wiehed ragjonevoli u fit-termini tal-Ligi;*

8. *Illi dwar ir-raba' talba jinghad li m'hemm ebda raguni ghala dak pattwit fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet ghandu jibidel jew jigi modifikat stante li huwa skond il-Ligi;*

9. *Illi kwantu ghall-ahhar talba l-esponeneti tirrileva illi kollox jinsab kompriz fil-kuntratt sudett madankollu skond il-Ligi hija ma tistax twiegeb ghal talba hekk vaga minghajr ma l-attur jindika ghal liema provvedimenti qed jirreferi;*

10. *Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfonati fil-fatt u fid-dritt;*

11. *Salv, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-attur datata 13 ta' Lulju 2023 (Vide Fol 198) li biha nforma lill-Qorti li ma ghandux aktar provi x'jpproduci.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

***L-attur xehed nhar 11 ta' Marzu 2019 (vide fol 37 et seq)*** u spjega illi hu u l-intimata ghandhom tifel. Illi r-relazzjoni taghhom spiccat, fost hafna dizgwid. Jixhed illi kienu ghamlu kuntratt biex jirregolaw il-kwistjonijiet rigwardanti l-minuri, illi pero' il-kuntratt ghalkemm jistipula granet, ma jistipulax hinijiet dettaljati tal-access tieghu mal-minuri, u minhabba dan spiss jispiccaw bl-argumenti fuq il-hinijiet. Illi lanqas ma hemm indikat kif ghandhom jigu divizi il-festi. Illi fir-rigward il-manteniment, l-attur jishaq illi meta sar il-kuntratt huwa kien jahdem bhala *painter off-shore* u kellu introjtu hafna ahjar minn dak li jipercepixxi attwalment bhala *self-employed handyman*. Izid illi huwa jixtieq illi l-manteniment ikun ta' EUR 250 fix-xahar u ma jkomplix jizdied kif indikat fil-kuntratt. Jixhed ukoll illi hu ghandu tifel iehor, u anke *home loan*.

***Missier l-attur, RZ, xehed permezz ta' affidavit (Vide dok RZ1)*** u spjega illi hu sar jaf lill-intimata meta bdiet ir-relazzjoni taghha ma' ibnu SZ. L-affarijiet kienu jidhru li sejrin sew, pero' wara ftit zmien, ibnu kien qalu li l-intimata kienet tqila. Meta twieled CZ, l-affarijiet bdew sejrin mill-hazin ghall-aghar tant li r-relazzjoni intemmet. Illi kienu ukoll bdew proceduri l-Qorti f'medjazzjoni u kienu ffirmaw kuntratt. Illi pero' u minkejja li kien hemm dan il-kuntratt, il-problemi ma waqfu qatt. Izid illi l-intimata kienet iccempel tipprovokah u theddu li mhux ser jara lit-tifel, u l-intimata kienet dejjem taghmel ta' rasha. Meta kien jirritornah tard ghaliex jew it-tifel ma jkunx irrid jitlaq minn maghhom jew ghax ikun sab it-traffiku, l-intimata kienet tmur taghmilu rapport. Jispjega illi meta ma baqghatx jahdem l-esteru fuq ir-*rigs*, l-intimat kien dahlu jahdem mieghu pero' ma setghax joffrilu l-istess paga.

***Roxanne Farrugia, xehdet permezz ta' affidavit (Vide Dok RF 1)*** u spjegat illi ilha taf lill-attur hames (5) snin, u l-minuri iben il-partijiet kellu madwar sena u nofs meta huma iltaqghu, pero' dak iz-zmien ma kienitx tiltaqgha mieghu. Tixhed illi l-attur kien imur ghall-minuri izda l-omm kienet tkun prezenti waqt l-access. Kif il-minuri ghalaq sentejn, il-minuri kien imur ghand l-attur u anke kien jorqod ghandu. Izzid illi kien sar kuntratt mal-omm, u l-access kien nhar ta' Tlieta u Hamis, u *sleepover* alternat fil-*weekend*. Tispjega illi l-attur kien ghamel zmien jahdem barra minn Malta u ghalhekk l-i*sleepovers* kienu jsiru biss meta l-attur kien ikun qieghed Malta, u filfatt kien jinqala argument mal-omm. Illi hafna mill-argumenti kienu minhabba l-hin. Tishaq illi l-attur kien jhallas il-manteniment fi flus kontanti, imma illum qieghed jaghmel bank transfer. Tispjega illi l-attur dejjem hadem, u llum il-gurnata huwa *self employed*.

***Ri-prodott nhar 1 ta' Marzu 2021 (vide fol 81 et seq),*** l-attur ikkonferma illi huwa qieghed jahdem bhala *self-employed handy-man* u spjega illi huwa xtaq li jinbidel il-hin tal-access u dana peress li huwa qieghed jinqabad fit-traffiku u ghalhekk xtaq li l-access jibda fil-hamsa ta' flghaxija sat-tmienja ta' flghaxija u l-istess ghal hin tal-isleepover. Izid illi minhabba l-Covid l-quantum tax-xoghol naqqas. Jikkonferma illi huwa qieghed f'relazzjoni u ghandu tifel iehor li ghandu sentejn.

In ***kontro-ezami*** jikkonferma illi kien hemm zmien fejn l-intimata taghtu lit-tifel fil-hin li talabha hu u jikkonferma illi huwa jixtieq li jkollu iktar hin mal-minuri. Jikkonferma illi l-manteniment kien beda EUR 250 fix-xahar u dan joghla skond il-kuntratt u l-eta tal-minuri. Jispjega illi llum il-gurnata huwa jirrisjedi mat-tfajla tieghu Hal Tarxien, flimkien mat-tarbija taghhom. Jixhed illi bhalissa qieghed jahdem fuq bazi *self employed* u jaqla' madwar Eur 900-1000 fix-xahar. Mistoqsi jekk jirreklemax is-servizzi tieghu fuq *facebook*, **l-attur jikkonferma illi jaghmel hekk u jichad illi ghandu nies impjegati mieghu**. Jispjega illi jaghmel xoghol ta' tikhil, zebgha, *plumbing u home finishes* (vide fol 192).

***L-intimata xehdet nhar it-18 ta' Mejju 2022 (vide fol 159A et seq)*** u spjegat illi fil-*pendrive* esebita minnha *a fol 11* tal-atti, hemm zewg videos, li jindikaw illi l-attur, dan l-ahhar, xtara gabbana tat-*take away*, tal-festi. Fil-filmat jidher l-attur fejn jidher li qieghed jirranga din il-gabbana. Illi mid-dokumneti l-ohra jirrizulta illi l-attur qieghed fi shab ma' haddiehor f'xoghol ta' *handyman* u hemm indikat hafna aktar xoghlijiet milli semma l-attur fix-xhieda tieghu.

Illi fid-dokumentazzjoni, l-intimata tispjega illi hemm indikat li l-attur kien ha kuntratt tal-*Government Housing*, u li anke ghandu l-impjegati mieghu. Izzid illi prezentat ukoll sensiela ta' *payslips* li fuqhom kien inhadem il-manteniment meta kienu ghamlu l-kuntratt. L-intimata xehdet ukoll illi l-attur ghandu flat u qieghed jikrih u saret taf l-ewwel darba b'dan fis-sena 2019, meta darba kienet marret ghat-tifel u habtet bieb bi zball. Illi filfatt maz-zmien kienet intebhet illi anke kienu qieghdin jirriklamaw dan l-appartament illi ghall-kiri.

**L-attur, xehed nhar is- 7 ta' Lulju 2022**, u filwaqt li kkonferma illi huwa qieghed jahdem bhala *handyman* u jaghmel xoghol ta' manutenzjoni ta' propjetajiet, ikkonferma ukoll illi kien hemm zmien fejn bhala *part-time* kien qieghed isajjar go gabbana tal-ikel, pero' kellhom inehhuha. L-attur jispjega illi il-hsieb kienet li jwelluha izda ma kienu sabu lil hadd, u ddecidew li jnehhuha peress illi bdew jitilfu l-flus minnha. Jikkonferma illi kienu bieghuha lil certu Justin Camilleri

ghall-ammont ta' EUR 7,000. Jinsisti illi huwa kellu Vat Number u dan il-kiosk kien bi shab ma certu Warren Attely.

Rigward kuntratti tal-Gvern, l-attur jishaq illi darba kellhom xi xoghol mal-*Housing Authority* li kien jikkonsisti f'xoghol fuq kamra tal-banju wahda. B'referenza ghall-intervista a fol 112-129 tal-atti, l-attur, jikkonferma illi dik l-intervista kienet giet stampata f'*magazine*. Mistoqsi jekk ir-rata taghhom tkunx ghola meta l-progett shiha u cioe kuntratt, minn meta jahdmu ghall-individwi, l-attur jispjega illi r-rata tkun tiddependi mix-xoghol rikjest. Jinsisti illi huma jinghataw ix-xoghol fuq bazi ta' *sub-contracting*, ghalkemm huwa ghandu ukoll klijenti, (*households*) li jqabbdu lilu dirett. Jikkonferma illi huwa certu Mark Borg li jghaddilu xoghol ta' *sub contracting*. Jishaq ukoll illi r-rati huma relattivament l-istess, kemm ghall-klijenti tieghu u kif ukoll ir-rati tas-*sub contracting*. **L-attur jikkonferma illi huwa ghandu impjegat wiehed, certu Kurt Cutajar u li ormai ilu circa sena u nofs impjegat mieghu**. Jikkonferma ukoll illi qabel dan Kurt Cutajar kellu impjegat iehor, certu Shumi izda kien hemm problematici minhabba d-dokumenti ta' residenza.

Muri d-dokumenti a fol 111 et seq, l-attur ikkonferma id-dokument a fol 130 bhala *payslip* tieghu meta kien jahdem ma' *Mechanical Engineering*, l-Ajruport, li kienet il-kumpanija ta' missieru. Jispjega illi wara dan ix-xoghol huwa kien fetah ghar-rasu. Sakemm kien f'dak l-impjieg ix-xoghol tieghu kien ta' tindif tal-*hanger,* manutenzjoni, tibjid, tindif tal-ajruplan, u gieli kien jibqa' wara l-hin mal-*engineer* li kien jghallmu xi affarijiet rigward il-magni tal-ajruplani. Jikkonferma illi hu m'ghandux licenzja ta' *electrician* u xoghol ta' dawl jinhadem minnu taht is-supervizjoni ta' *engineer* li jaghtih *day rate* biex jithallas ta' dan is-servizz. Jishaq illi hu m'ghandux rata stabbili u li r-rati jiddependi mix-xoghol li jkun hemm bzonn. Jixhed ukoll illi fil-prezent qieghed jirrifjuta xoghol ta' tqeghid tal-madum minhabba problemi f'dahru, u peress li l-impjegat tieghu m'ghandux din is-sengha.

***L-intimata xehdet nhar is- 6 ta' Frar 2023 (vide fol 165 et seq)*** illi nhar it-3 ta' Frar 2023, inqala argument bejnha u bejn l-attur, tant li l-attur f'hin minnhom qalilha li kien ser jinzel ghaliha u jaghtiha daqqa ta' sikkina. Izzid illi l-attur kien xtara *Tablet* u *Mobile* lill-minuri, illi pero' l-attur biss ghandu il-*parental controls* u li bihom anke jkun hemm il-*location* tal-attrici u l-minuri jekk il-*mobile* jew it-*tablet* ikunu ghand il-minuri. Tispjega illi marret ghamlet rapport mad-*Domestic Violence Unit*. Illi sussegwentement f' Marzu ukoll kien heddiha u filfatt hemm proceduri kriminali li kienu ghad irridu jinstemghu. L-intimata tispjega illi l-minuri ibghati minn ADHD u *Dyslexia*, u jtuh hafna *tantrums*.

***L-attur in kontro-ezami nhar il-15 ta' Marzu 2023 (vide 167 et seq)*** u spejga illi meta gieli hadu xi *Direct Order*, is-sistema kienet tippremja l-iktar *quotation* irhisa. L-attur jinsisti illi l-appartament ta' Hal Luqa mhuwiex mikri, ghalkemm kienu irreklamawh illi huwa ghall-kiri, u fiflatt fil-passat kien mikri, u jispjega illi tul l-ahhar sena ma nkerix fuq decisjoni tieghu. Muri l-estratt mill-*facebook* in atti, jikkonferma illi sa Awwissu 2022, il-*flat* kien mikri. Jispjega illi fix-xhur precedenti, meta l-introjtu tieghu naqas, beda jithabat biex jikri dan il-*flat*, pero' kif rega beda jizdied ix-xoghol huwa ma baqax jithabbat daqstant biex jikri l-flat.

Mistoqsi dwar il-kumpanija La Tenda, jispjega illi huwa jinghata xoghol minn din il-kumpanija bhala *sub contractor*.

***L-intimata in kontro-ezami nhar l- 1 ta' Gunju 2023, (vide fol 177 et seq) giet*** muriha id-dokumenti a fol 112 sa fol 154, u kkonfermat illi kienet hi li fittxet fuq il-kumpanija tal-attur fuq *google* u kienet telghet *site* partikolari, u hi kienet hadet *screenshot* tal-*interview* li kienet saret lill-attur u zammet l-imsemmija *screen shots*. Spjegat ukoll illi peress li bil-*facebook profile* originali taghha hija *blocked* mill-attur, kienet dahlet fuq il-*facebook profile* tal-attur minn *facebook profile* iehor taghha.

Fir-rigward ir-reklam ghall-kiri tal-appartament tal-attur jispjega illi kien hemm certu Lorraine Farrugia li kienet tahdem ma xi *estate agency*, u kienet talbet lit-tifel ta' huha peress li kellu kuntatt ta' din Lorraine Farrugia, jistaqsi jekk il-flat in kwistjoni kienx mikri jew le, pero' ma tafx x'konnessjoni hemm bejn din il-persuna u l-attur. B'referenza ghad-dokument *a fol 145*, l-intimata tispjega illi l-persuna li tidher f'dan id-dokument huwa certu Mark li huwa l-*partner* tal-attur fin-negozju.

***Ri-prodott nhar is- 6 ta' Lulju 2023, (vide fol 196 et seq),*** l-attur esebixxa *profit and loss account* u anke rapport redat mill-*accountant* tieghu, u kif ukoll il-kuntratt tas-*subcontracting* ma' La Tenda.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attur missier fejn qieghed jitlob illi l-kura u l-kustodja tal-minuri CZ tkun wahda kongunta, illi l-manteniment ghall-imsemmi minuri ghandu jkun ridott ghall-ammont ta' EUR 250 fix-xahar, u li l-access tal-attur versu l-minuri ghandu jigi emendat minn dak originarjament maqbul fil-kuntratt datat 6 ta' Dicembru 2013, b'dana illi

ghandhom jizdiedu l-hinijiet ta' meta ghandu jigi ezercitat l-access.

***Kura u Kustodja tal-Ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox l-kuncett ta' ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din in xorti f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri,***

---

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.

***idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'*[5]**

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

*"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".*[7]**

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

---

[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.*** [8] ***Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

*Access*

Illi fir-rigward l-access, inghad illi huwa generalment fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi preservata r-relazzjoni taghhom maz-zewg genituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-genituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

> ***(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.***
>
> ***(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***
> ***(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri.***

Din il-Qorti kif kellha l-okkazzjoni tishaq diversi drabi, ghandha l-obbligu u d-dmir illi thares u tipprotegi l-interessi tal-minuri. Illi l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> ***B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi***

[8] Enfazi tal-Qorti.

***murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel.***

Intqal ukoll mill-Qrati taghna illi:

***Fejn jidhlu l-interessi tal-minuri, din il-Qorti ma hiex marbuta rigiditament bir-regoli tal-procedura, tant li l-artiklu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti setghat wiesgha lill-Qrati biex iharsu lill-minuri.***

***F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak li gie osservat mill-Qorti fis-Sentenza tat-30 ta' Gunju 2015 Citazzjoni Numru: 173/2014 fl-ismijiet A sive B C -vs- D sive E C per Imhallef Robert Mangion fejn intqal hekk:-***

***"Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 in dizamina jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti mhiex imxekkla b'regoli stretti ta' procedura. Difatti l-annotazzjoni fil-margni ghal dan l-artikolu li bl-Att XLVI tas-sena 1973 kien issostitwixxa artikolu iehor, jaqra kif gej: "Setgha tal-qorti li taghti ordnijiet minkejja disposizzjonijiet ohra". Hija ghalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' procedura rigoruza.***

***Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar tal-minuri anke jekk hadd mill-partijiet ma jkun ghamel talba fir-rigward."***

***Manteniment:***

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu

taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu involuti f'relazzjoni intima, mill-liema relazzjoni twieled il-minuri CZ f'X u llum ghandu X – il sena.

Illi l-partijiet kienu resqu ghall-ftehim bonarju sabiex jirregolaw il-kura u kustodja, l-access u l-manteniment tal-istess minuri u dana kif jirrizulta mill-kuntratt datat sitta (6) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013) fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, anness mar-rikors promotur a fol 12 tal-atti.

Il-partijiet kienu qablu kif segwenti:

1. ***Il-kura u kustodja hija kongunta, izda r-residenza ordinarja tat-tifel, soggett ghal dak li ser jingha, hija flimkien mal-omm u b'dan li l-missier jkollu access li ser jkun regolat kif gej:***

   a) ***Ghas-sena kollha sakemm it-tifel jghalaq sentejn il-missier ikollu dritt li***

***jara lill-minuri ghal-tlitt darbiet fil-gimgha ghal tlitt sieghat kull darba skond kif jiftehmu l-partijiet;***

***b) Ghas-sena kollha minn sentejn il-fuq il-missier ghandu access ghat-tifel, nhar ta' Tieta u Hamis mill-erbgha u nofs ta' flghaxija (4:30pm) sas-sebgha u nofs ta' fil-ghaxija (7:30pm) u alternattivament fil-weekend, darba mill-Gimgha mill-hamsa ta' flghaxija (5:00pm) sas-Sibt sas-sitta ta' flghaxija (6:00pm) u l-gimgha ta' wara mis-Sibt mill-hamsa ta' flghaxija (5:00pm) sal-Hadd sas-sitta ta' flghaxija (6:00pm). L-access jigi ezercitat mill-missier billi jkun huwa stess li jigbor u jirritorna lit-tifel minn u ghand l-omm.***

…

***C. Manteniment u aspetti Finanzjarji***

***a) Il- missier huwa obbligat jhallas manteniment lill-omm fir-rigward tat-tifel fl-ammonti u bil-modalita segwenti:***

***i. sakemm it-tifel jaghlaq sentejn is-somma ta' mitejn ewro fix-xahar (EUR 200)***

***ii. minn meta t-tifel jaghlaq sentejn is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro fix-xahar (EUR 250);***

***iii. minn meta t-tifel jaghlaq hames snin sakemm jaghlaq ghaxar snin is-somma ta' tliett mitt ewro fix-xahar (EUR 300)***

***iv. minn meta t-tifel jaghlaq ghaxar snin sakemm jaghlaq tmintax – il sena s-somma ta' tlitt mija u hamsin Ewro fix-xahar (EUR 350)***

Il-Qorti tinnota illi galadarba r-rikorrenti qed jitlob varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-Qorti tqis b'mod generali li dak pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni, bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda.* Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 li jiddisponi:-

***"(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***

***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi".***

Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Grace Spiteri v. Carmel sive Lino Camilleri et*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li:

> ***"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili X Spiteri Staines"). App. Civ. 154/10 20***

Illi ghalkemm huwa principju li kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u li l-massima legali "pacta sunt servanda" ghandha tigi segwita, fejn jidhlu kuntratti li jistipulaw, bl-approvazzjoni tal-Qorti, f'idejn min ghandha tkun il-kura u kustodja ta' minuri kif ***ukoll il-modalita' tal-access*** tali stipulazzjonijiet jistghu, f'kazijiet eccezzjonali, ***jigu emendati jekk l-interess suprem tal-minuri jkun hekk jiddetta.***[9]

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma xhieda *viva voce* tal-partijiet diversi drabi fil-mori tal-proceduri u gharblet din it-testimonjanza fl-isfond tal-kuncett tal-aqwa interess tal-minuri.

Illi fir-rigward l-ewwel talba u cioe dik rigward il-kura u l-kustodja tal-minuri, din il-Qorti rat illi effettivament fil-kuntratt lamentat, u cioe il-kuntratt datat 6 ta' Dicembru 2013, fl-atti tan-Nutar Dorianna Arapa, **il-partijiet kienu diga qablu illi l-kura u l-kustodja tal-minuri CZ ghandha tkun wahda kongunta bejn il-partijiet *qua* genituri tal-istess. Illi ghalhekk u fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti ma tqisx illi l-ewwel talba timmerita ezami ulterjuri.**

Illi fir-rigward l-access, din il-Qorti osservat illi *pendente lite*, inghata digriet waqt l-udjenza tal-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena 2021, fejn gie maqbul illi l-access nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis ghandu jigi ezercitata bejn il-5:00pm u it-8:00pm. Illi l-access fil-weekend u bi *isleepover* alternat ghandu jigi ezercitat mill-missier mill-5:00pm sat- 8:00pm tal-ghada. Illi din il-Qorti ma tqisx illi ghandha tiddipartixxi minn dawna l-hinijiet, gialadarba kien hemm qbil bejn il-partijiet pendente lite.

Illi fir-rigward hinijiet ta' festi specjali bhal Lejliet il-Milied u l-Milied u Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena, klawzola numru 4 tkopri l-hinijiet precizi tal-access f'dawn il-festi specjali,

[9] Vide 242/12 Qorti tal-Appell: Angela Bezzina vs Rudolf Aquilna 30/09/2016

filwaqt li klawzola numru 5 tkopri l-modalita' tal-access f'gheluq snin il-minuri. Illi l-access tal-Gimgha l-Kbira u nhar Hadd il-Ghid, isehh fuq bazi alternata u ghandu jsehh mill-10:00am sat-8:00pm.

Illi Jum l-Omm u l-birthday tal-Omm, Jum il-Missier u l-birthday tal-Missier huma ukoll koperti b'dak maqbul fi klawzola 8, u l-istess jinghad ghall-festi pubblici l-ohra. (vide klawzola 9).

Illi din il-Qorti taghmilha cara illi jekk waqt l-access tal-missier, il-minuri jkollu jattendi xi attivita extra-kurrikulari, jaghmel xi home work, jew jattendi ghal xi attivitajiet edukattivu jew religjuzi bhal muzew etc, il-missier huwa obbligat li jiehu lill-minuri ghall-imsemmija attivita' u jigbru lura kemm-il darba l-attrivita itemm fil-hinijiet tal-access tieghu.

Fir-rigward il-manteniment, wara li semghat ix-xhieda viva voce tal-partijiet u hadet konjizzjoni tad-dokumentazzjoni esebita mill-partijiet tul il-mori tal-proceduri, b'mod partikolari id-dokumentazzjoni relattiva ghall-introjtu tal-attur missier, il-Qorti ma tqisx illi ghandha tiddipartixxi minn dak miftihem bejn il-partijiet fil-kuntratt tas-6 ta' Dicembru 2013. Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti il-manteniment patwit bejn il-partijiet fil-ftehim su-indikat huwa manteniment gust u adegwat, u wiehed ragonevoli. Illi huwa palezi li aktar ma jikbru t-tfal aktar jikbru l-ispejjes, u l-kuntratt li qablu fuqu l-partijiet u li effettivament iffirmaw it-tnejn jiehu propju dan kollu in konsiderazzjoni. Illi filwaqt illi din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-attur ormai irrid irabbi wild iehor apparti l-minuri CZ, gie pprovat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, illi n-negozju tal-attur huwa wiehed mqabbad sew u li qieghed jiffjorixxi. Kif xehed l-attur stess in kontro-ezami, jidher illi meta l-attur jiffoka sew fuq ix-xoghol, ix-xoghol jizdied u konsegwentement jizdied l-introjtu tieghu, **tant li lanqas ghandu hin biex isib lil min jikri l-appartament tieghu f' Hal Luqa**. Din il-Qorti ghandha tifhem illi meta persuna tiddeciedi li tiftah negozju ghar-rasha, u titlaq mix-xoghol li joffri introjtu stabbli, **dan il-pass isir ghaliex persuna taf illi eventwalment dan il-pass ser jiggenera introjtu akbar.**

Gie ritenut diversi drabi illi:

> ***…l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mirresponsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull Rik.Gur.Nru.: 178/2019 JPG 14 responsabbilta` tagħhom***

> ***fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti tqis illi l-attur ma rnexxilux jipprova bdil fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu li timpella lil din il-Qorti tordna tnaqqis fil-manteniment miftiehem bejn il-kontendenti fis-6 ta' Dicembru 2013. Ghal kuntrarju jidher illi in-negozju tal-attur qieghed jikber u jiggenera introjtu akbar, tant li l-attur ingagga impjegat biex jahdem mieghu, liema impjegat kellu ukoll il-haddiehor impjegat mieghu[10]. Dan tal-ahhar ma giex ingaggat formalment ukoll mill-attur ghax kellu xi dokumentazzjoni nieqsa. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi ghandha tvarja dak originarjament patwit bejn il-partijiet fil-kuntratt su citat f'dak li jirrigwarda manteniment, specjalment meta rrizulta b'mod palezi mix-xhieda tal-attur illi jekk effettivament huma jrid, jista facilment jawmenta l-introjtu tieghu tramite l-kirja tal-appartament f' Hal Luqa, u b'hekk jassigura illi z-***zewg uliedu***, jitrabbew kif tezigi l-Ligi.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba u dana stante illi fil-kuntratt datat 6 ta' Dicembru 2013 il-kura u l-kustodja tal-minuri kienet diga' giet miftehema bhala wahda kongunta bejn il-partijiet;**
2. **Tichad it-tieni talba ghar-ragunijiet sopra indikati;**
3. **Tilqa' it-tielet talba limitatament sa fejn tirrigwarda l-hinijiet tal-access nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis ghandu jigi ezercitata bejn il-5:00pm u it-8:00pm. Illi l-access fil-weekend u bi *isleepover* alternat ghandu jigi ezercitat mill-missier mill-5:00pm sat- 8:00pm tal-ghada u mhux kif originarjament indikat fil-kuntratt, b'dana illi filwaqt li l-hinijiet ta' festi specjali bhal Lejliet il-Milied u l-Milied u Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Ewwel tas-Sena, huma koperti bi klawzola numru 4, waqt li l-access fil-Gimgha l-Kbira u l-Hadd il-Ghid, isehh fuq bazi alternata bejn l-10:00am sat-8:00pm. Illi l-access f' jum gheluq snin il-minuri, Jum l-Omm u l-birthday tal-Omm, Jum il-Missier u l-birthday tal-Missier, u festi pubblici ohra huma ilkoll koperti fi klawzola 5, 8, u 9 rispettivament tal-kuntratt lamentat;**
4. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' u l-hames talba, stante li**

[10] A kuntrarju ta' dak li kkonferma bil-gurament a fol 192 fejn sahaq li ma ghandu ebda haddiem impjegat mieghu.

**decizjonijet relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri huma diga' regolati pienament permezz tal-kuntratt lamentat;**

**Bl-ispejjes kontra l-attur**.

**Moqri.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**